KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36 Tnejn 23 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
James Cassar – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Karl Tanti – Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Mark Micallef Costa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Mario Sammut, u Dr Karl Tanti u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

33.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 35**
Il-minuti tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2016 ġew approvati unanimament.

33.2.1 Punti mqajma mil-minuti Nru 35

(Kommunikazzjoni mis-Sindku 33.3.1 Claims)

Is-segretarju saqsiet, jekk hemx xi kunsillier li jista jattendi flimkien magħha u l'avukat, biex nduru il-claims. Il-Viċi Sindku Keith Cassar staqsa jekk jistax jattendi is-Sindku Ivan Bartolo. Is-Sindku aċċetta

(33.2.1 PAMA)

Kunsillier Alex Muscat, saqsa x'pass jmiss li issa l-kuntratt mal-PAMA ġie ffirmat.
Is-Segretarju Eżekutiv ikkonfermat, li rridu ngħaddu l-lista tal-bankini, biex jibdew. Fuq l'affarijiet l'oħra, l-PAMA trid l'ewwel tiprovdi d-disinji lil kunsill għal approvazzjoni, qabel ma japplikaw u jiġu mplimentati l-proġetti. Bħala applikazzjonijiet is-Segretarju Eżekutiv ikkonfermat li dawn f'idejn il-Perit tal-PAMA.

**Sospensjoni tar-regolamenti**
Saret sospensjoni tal-minuti biex jinqraw l'accounts.

33.5.5 Discussion –Report by the Auditor General on the Workings of Local Government

L'*accountant* Daniel Galea spjega dan li ġej:

Dwar ir-rapport ta' l'awditur ta sena finanzjarja 2015, ġew ipreparati l'*accounts* u ġew jagħmlu l'*audits*, fejn taw xi suġġerimenti. Fir-rapport ta l'awditur ta' Novembru w Diċembru, f'xi punti speċifiċi qalu li, per eżempju l'awditur ta *disclaimer of opinion*, iġifieri ma tax opinjoni fuq l'*accounts*, għax il-Kunsill huwa parti mil-Kumitat Konġunt ta Tramuntana, m'għandux l'*accounts* tat-Tramuntana, allura l'awditur ma setgħax jikkwantifika u jagħtu valur lil investiment/*share* li 'l Kunsill għandu konġunt mat-Tramuntana, allura aħna m'għandniex u ma stajniex intuwa l'awdituri għax ħadt ma għandu. Allura fuq dak il-punt ma jistax jagħti opinjoni. Sinċerament il- kunsill m'għandu l'ebda kontrol. Li nista ngħid li din m'hiex xi ħaġa tal-Kunsill tal-Mosta biss, imma ta ħafna kunsilli oħrajn li huma membri tal-LES.

L'awdituri semmew wkoll punt fuq il-kotba; il-valur tal-kotba li għandu il-kunsill. Il-kunsill għandu *stock* ta' ċirca bejn 12,000 u 16,000 Ewro, pero l'awdituri qed jgħidu li dan għandu jiġi *valued at cost*. Jien ma naħsibx li huwa korrett, għax kemm ilni hawnhekk qadt ma ġie *valued at selling price, plus* hekk jekk hemm xi ħaġa li forsi

wieħed jista jgħaddi suġġeriment, li jsir *stock take*, u jekk hemm kotba li 'llum m'għandhomx valur, jiġu *written off*.

Punti oħrajn. Issemmiet fil-management letter is-somma ta kredituri li għandu 'l kunsill. Hawnhekk writna sitwazzjoni fejn hemm ammonti sostanzjali li m'hawnx evidenza tagħhom. M'hawnx *invoices* tagħhom li dawn ġejjien min żmien ta qabel, ta qabel u ta qabel. Dawn huma affarijiet li l'awdituri jsemmu ta kull sena. Per eżempju fl'*accounts* għandna somma ta 230,000 Ewro, mingħand kuntratturi tal-pjazza, etc etc. Dawn meta bdejt jien ħallejthom hemm u ma ċaqlaqthomx. *As we go along* intom għamiltu agreements ma kuntratturi ta *outside court settlement*, fejn dawn qed jitħallsu ftit ftit u qed inaqsu 'l problema, kemm għal fini ta l'att tal-kunsill, *cash flow wise,* mhux qed joħroġ 230,000 Ewro imma ta 10,000 Ewro fix-xahar, u anke *bookeeping wise* dik is-somma qed tiġi kwantifikata 'u qed tiġi mnaqqsa.

Ammonti oħrajn li konna rrispondejna għalihom, imma ma nafx għalfejn qisa ma waslitx fejn kella tasal, kien hemm tal-*Lighthouse Keepers* fejn kien hemm xi diskrepanza materjali, li huma raġunijiet, mhux qed ngħid aċċetabli, imma spjegajna. Issa jew ir-raġunijiet li tajna ma waslux għand l'NAO, jew l'NAO ħa parti biss mil-kummenti u 'risposti li tajna.

Importanti li nsemmi li l'FAR (Fixed Asset Register) li huwa importanti li jsir, hija problema għax *fixed assets* huma ammont konsiderevoli, ta proġetti li saru *over the years*. Meta bdejt jiena l'FAR ma kienx jaqbel mal-*financial statement*. Dawn huma magħmulin min numru ta *transactions* li saru *over the years* mil-Kunsill, u *depreciation* fuqhom. X'ħin dak l'ammont ma jaqbilx tiġi f'*bottle neck* u ma nafx x'tista tagħmel. L'unika soluzjoni, jew tibnu kollox mil-ġdid, jew tibda tmur lura sena, sena, biex tipprova tifhem sa fejn kien għadu tajjeb. Huwa eżerċizju massiv, imma forsi tkun tista tara sa fejn tista tasal.

Id-DLG ħareġ stqarrija l-ġimgħa l'oħra, fejn qed jirrikonoxxu li hawn din il-problema ma kunsilli oħra, u jekk mhux *updated* diffiċli terġa ssib saqajk għax m'għandhekx pedament mhux sod mhux ħa timxi, imma ħa jagħtu xi tip ta *guidelines* kif wieħed jista jittakilja s-sitwazzjoni biex tkun tista sa 2017 il-problema tiġi riżolta. U x'imkien trid taqta linja, speċjalment jekk il-problema ġejja mil bidu li bdew il-kunsilli. L'NAO ma semmilna xejn ħazin fuq il-*current year*, għax ma sabx diskrepanzi. Il-problema hija fuq *transactions* li saru qabel.

### 33.6.5 Aġġornament tal-Pjan ta' Ħidma 2017-2019

L'*accountant* informa li jekk nibqaw nimxu mal-pjan ta ħidma, id-dħul *extra* jista jiġi allokat biex jinqata 'dejn. Hemm ċans tajjeb li fl' 2018, jekk wieħed jibqa għaddej bil-pjan eżistenti, il-Kunsill jiġi b'*surplus*.

### 33.6.6 Estimi Finanzjarji 2017

*L'accountant* informa lil Kunsill li dawn huma pratikament l'istess amonti li 'l Kunsill approva f'Novembru li għadda. Issa l-Kunsill għal 2017, ġie allokat żieda fl'*allocation* min-naħa tal-Gvern, li jammonta għal 1,185,524 Miljun Ewro.

## 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku/Korrispondenza

### 33.3.1 Korrispondenza – One ways housing estate Ta' Mlit

Is-Sindku qara' l'ittra, u 'l Viċi Sindku rrakomanda li s-sitwazzjoni tiġi studjata ħolistikament u mhux waħda waħda. Il-membri qablu li nikkonsultaw mal-Perit.

### 33.3.2 Korrispondenza – Request for quote for curtain sensor

Il-Kunsilliera approvaw din il-quote.

Is-Sindku Ivan Bartolo, nforma lil Kunsilliera, li ħa niltaqaw mal-Primary Health Centre (PHC), biex nipruvaw nagħlqu l'*agreement,* biex jinbidel il *lift* l'antik. Il-kunsilliera ġew infurmati li fl'opinjoni tas-Segretarju Eżekkutiv m'għandnhiex nibqaw inħallsu il-60% aħna ta l'ispejjes, u 40% il-PHC, meta il *lift* jintuża 24x7 mil-visitaturi li jiġu għas-servizzi tal *Health Centre.* Il-membri qablu li fil- laqgħa mal-PHC, nitolbu biex jinqalbu il-perċentaġġi għal 40% Kunsill u 60% PHC.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar, saqsa fuq il-fondi tal-*lift* ieħor ġdid, u 'Segretarju Eżekutiv infurmat lil membri li għalkemm dan ġie diskus, qatt ma kien hemm dan il-fond ta flus għal *lift* ieħor ġdid, u l- fondi li nġabru huma ta 25,000 Ewro mingħand id-DLG, u 20,000 Ewro mingħand il-PHC. Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li suppost hemm dawn il-fondi, u għalhekk is-Segretarju Eżekutiv infurmat lil membri li ħa terġa tiċċekja fuq dawn il-fondi l'oħra ta' *lift* ieħor ġdid, peress li 'l Kunsillier Alex Muscat semma li daqs xaħrejn ilu 'd DLG ingħata raġun fuq appell li sar min Kunsilli oħra, peress li mhux kulħadd igwadanja min dan il-fond.

**F'dan il-ħin (20:15) il-kunsilliera Rachel Tua talbet biex tiġi skużata għax kellha bżonn titlaq.**

### 33.3.3 Korrispondenza - Mario Abela Complaint regarding new one way system in Triq Tal-Wej.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar ikkonferma li din kienet diġa saret talba biex tinqaleb bħala *one-way,* u talab biex niċċekjaw ma Transport Malta ħa naraw fejn wasal il-proċess ta din it-talba.

### 33.3.4 Korrispondenza – Quotes for Laptops

Is-Segretarju Eżekutiv spjegat li dawn il-2 laptops ħa jinxtraw, biex jkollu wieħed Is-Sindku, u ieħor, għal l'impjegat/a il-ġdid/a. Is-Segretarju Eżekutiv infurmat wkoll li fil-futur qarib ħa jkun hemm bżonn wkoll li jinxtara komputer għas-Skrivana tal-Kunsill, peress li l'*laptop* li qed tuża mhux tagħna, u ma tistax tagħmel back-up tax-xogħol fuqu.

Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li aħjar jinxtara *PC Tower* flok *laptop* bħala reliability, u Segretarju Eżekutiv ikkonfermat li tas-Skrivana tal-Kunsill ħa jkun *PC Tower*. *Quotes* għal *PC Tower* għad iridu jiġu provduti.

Il-Kunsilliera approvaw il-*quotes* tal-*laptops*.

**33.3.5 Korrispondenza - Talba Rita Galea sabiex jitla Notch**

Is-Segretarju tal-Kunsill informa lill-membri tal-Kunsill lis-Sinjorina Rita Galea qed titlob biex tieħu increment u titla fin-Notch 6 fi skala 10. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**33.3.6 Korrispondenza - Talba Chris Camilleri sabiex jitla Notch**

Is-Segretarju tal-Kunsill informa lill-membri tal-Kunsill lis-Sinjur Chris Camilleri qed jitlob biex jieħu increment u jitla fin-Notch 7 fi skala 10. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament

**33.3.7 Korrispondenza- Re Bust Nicolo Isouard**

Is- Sindku qara l'ittra, u 'l kunsilliera qablu li jsiru 4 *bollards* bil-ktajjen mad-dawra tal-bust.

**33.3.8 Korrispondenza – Re fencing Wied il-Għasel**

Is-Sindku qara l'ittra, fejn ir-residenta li kitbet qalet fost affarijiet oħra li bil-*fencing* kerraħna 'l post u għattejna 'l veduta, li min jrid jagħmel suwiċidju misna nħalluh għax-xorta ħa jtemm ħajtu bniedem jekk irid.

Il-Kunsillier Alex Muscat li għalkemm il *fencing* mhux xi fan tiegħu, pero kemm ilu li twaħħal dan il- *fencing* diġa ħajja ġiet salvata. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ġew salvati iktar min ħajja waħda għax tkelmet ma l'ispettur tal-għassa tal-Mosta fejn ikkonfermala dan. Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li għalkhemm il-*fencing* qed jgħin u hija parti minn soluzzjoni, xorta jrid jkun hemm l'għajnuna, għax il-fencing waħdu mhux biżżejjed. Dan ġie wkoll ikkonfermat mis-soċjologu li tkellem fuq TVM fejn issuġerixxa li jitwaħħlu tabelli fil-post bil *helpline number*.

Il-Kunsilliera qablu li nikkuntatjaw l'Appoġġ biex jkunu jistaw jsiru dawn it-tabelli tal-*helpline*

**33.3.9 Korrispondenza – DTR-Pending invoices from January 2016**

Dawn l'invoices tal-Perit Etienne Magri ġew posposti għal laqgħa li jmiss.

**33.3.10 Korrispondenza – Triq Wied is-Sir**

Is-Sindku Ivan Bartolo qara l'ittra u spjega li f'din it-triq qed jżomm ħafna ilma. Kul darba li tagħmel ħafna xita, l'ilma qed jidħol ġo dar privata.

Il-kunsillier Alex Muscat qal li kienet diġa saret talba biex jsiru *extension* ta *culverts*, u li jekk jiftakar sew Transport Malta kienu laqaw it-talba tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekutiv għandha tiċċekja fuq l'applikazzjoni li setgħet saret, biex naraw jekk għandhiex din l'*approval.*

### 33.3.11 Korrispondenza – Street Lighting Cooperation Agreement

Is-Sindku Ivan Bartolo spjega li dan l'*agreement* jinvolvi li bħala kunsilli li jaqaw taħt ir-reġjun jingħaqdu f'agreement wieħed. Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li dan l'*agreement* huwa biex jekk ningħaqdu mar-reġjun jiġu ffrankati 'l flus. Is-Sindku spjega li jista jkun jaqblilna li ningħaqdu, u Il-Kunsillier Alex Muscat qal li jekk bħala proposta s-servizz jibqa l'istess jew wkoll jitjieb, u spejjes nibqaw fejn aħna, jew jonqsu, mela jkun tajjeb, jekk le ma jkunx ta ġid li nidħlu f'dan l'*agreement.*

Il kunsilliera qablu li niċċekjaw kemm nonfqu bħala *street lighting* u naraw jekk jaqblilnhiex li niffirmaw l'*agreement* li qed jiġi propost mir-reġjun.

### 33.3.12 Korrispondenza – Quotes for Photocopier

Il-Viċi Sindku Keith Cassar offra li jdur il-*quotations* li rċevejna, biex jara jekk l'offerti humiex viabli biex il-kunsill jagħmel *maintenance agreement.*

### 33.3.13 Korrispondenza – PA 5315/16

Is-Sindku Ivan Bartolo talab lil Viċi Sindku Keith Cassar biex jinforma lil kunsilliera, peress li attenda għal din il- laqgħa tal-*Planning Authority,* fuq l'imwejjed u siġġijiet li ta' Marija Restaurant applika biex jagħmel.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar informa lil kunsilliera li attenda għal *hearing* peress li 'l perit ma setax jattendi 'u s-Sindku kien ma jiflaħx. Il-Viċi Sindku Keith Cassar spjega li ressaq il-proposta li bħala kunsill konna għamilna *objection* għax kien se jittieħed spazju pubbliku, u dak l'ispazju kellu jibqa wżatt bħala *parking,* li wkoll kien ħa jkun ta periklu għal min kien ħa joqgħod bilqegħda, li ta Marija Restaurant kellha *enforcement* li ma wetqitux kollu, fosthom il-bankina li ma treġġatx lura għalkemm il-kamra li bnew tneħħiet u minħabba 'l pjanti li huma ta' ostaklu għal min hu għaddej. Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li fl'aħħar ma waslux għal ftehim u li Transport Malta tat in-*no objection* tagħha mingħajr ma 'kkonsultat mal Kunsill, għax it-triq taqa' taħt Transport Malta.

Il-Viċi Sindku nforma lil kunsilliera, li fl'opinjoni tiegħu jista jkun hemm iktar min se japplika bħala ristoranti, la ħarġet in-*no objection.* Il-Viċi Sindku 'issuġerixxa li tintbagħat ittra, biex titreġġa lura il-bankina (*cement* il-barra*)* fuq wara bħala *parking space,* u li jitneħħew kul tip ta xtieli li huma żgombru għal min jkun għaddej.

Il-Kunsilliera qablu mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku Keith Cassar biex tintbagħat l'ttra.

**F'dan il-ħin (20:45) il-kunsillier Joe Gatt talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.**

### 33.3.14 Korrispondenza – ELC – Pending Invoice

Is-Sindku Ivan Bartolo qara l'ittra ta' l'ELC u spjega li l'ittra hija relatata ma *invoice* ta xogħol, li l'ELC qed jgħidu li għamlu f'Diċembru ta' 2015, fejn liema xogħol is-Sindku preċedenti Edwin Vassallo qal li kien hemm xi xogħol li ma sarx, u allura nzamm il-pagament.

Is-Sindku Ivan Bartolo qal li fl'opinjoni tiegħu l'ELC dejjem qdewna tajjeb, mentri bil-kuntrattur preżenti għandha problemi kbar fejn jidħlu knis u ġonna, li waħdu biss is-Sindku jirċievi mal-15 il- telefonata mingħand residenti li kontinwament jirrapurtaw fuq il-ħmieġ tat-toroq, ġonna mhux mizbura u mitluqin, u ħaxix ħazin li ma jinqatax. Għalhekk ġie deċiz li nikkonfermaw l'ammont, u deċizjoni titieħed fil-laqgħa li jmiss.

### 33.3.15 Korrispondenza PA 2495/12

Is-Sindku Ivan Bartolo spjega li din il-korrispondenza hija relatata ma tal-Manwella, li fil-minuti tal Planning Authority il-permess ġie approvat u għandhom sitt xhur biex jagħmlu l'emendi.

### 33.3.16 Korrispondenza Request for shifting of pedestrian crossing

Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li kienet saret talba għal *zebra crossing* u ġiet approvata fi Triq Franġisku Pisani. Wara li ġiet l'approvazzjoni min Transport Malta, Transport Malta talbet biex li hemm bżonn jsir ma din iz *-zebra crossing* jsir, bħal tabelli u *Belisha lights*. Il-Perit Chris Grech lest li fejn hemm bankina il-barra, tinqata u tiġi bankina u jagħmel iż-żebra, pero staqsa jekk l'ispejjes tal-belisha lights suppost jsirux mil-kunsill jew min Transport Malta. Għalhekk il-Perit qed jitlob li dawn l'ispejjes nagħmluhom aħna.

Is-Segretarju Eżekutiv spjegat li set ta' *Belisha lights* waħedhom, mingħajr trinka biex jiġi mgħoddi 'dawl għandhek mal-2,000 Ewro. Issa jekk Transport Malta ordnat lil Perit Chris Grech biex jagħmel din iz-zebra crossing, mela l'ispejjes għandhom jsiru kollha mil-Perit Chris Grech.

Il-Kunsilliera qablu, li biex l'ispejjes għal din iz-*zebra crossing* jsiru mil-Perit Chris Grech, hekk kif ġie ordnat min Transport Malta, wara kollox it-talba biex tersaq iz-*zebra crossing* ma saritx min naħa tal-Kunsill.

### 33.3.17 Korrispondenza –Permess Attivita Soċjali 13,14 April 2017 –Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu

Is-Sindku qara l'ittra min Felicia Borg li hija membru tal-kimitat tas-Soċjeta, fejn talbet permess biex tkun tista tarma siġġijiet quddiem il-każin fit-13 u fl'14 ta' April 2017.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar ipropona li tinżamm l'istess pjanta tas-soltu u noħorġu *no objection* bħas snin ta qabel għal erba każini; Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awissu, Każin Santa Marija, Każin Nicolo' Isouard, u 'l Paroċċa tal-Mosta.

**33.3.18 Korrispondenza –TM Approvals –Bidla fil-one Ways Triq Salvatore Magro , Triq Sir Arthur Borton , Triq il-Fortizza**

Il-Kunsilliera qablu li dawn jiġu implimentati.

**33.3.19 Korrispondenza – Quote for Office Furniture**

Il-Viċi Sindku Keith Cassar u 'l Kunsillier Alex Muscat, qablu li dawn jinżammu pendenti biex forsi jinstab *sponsor*. Is-Segretarju Eżekutiv wieġbet li tant l'aħjar li kieku jinstab *sponsor*, pero nġibdet l'attenzjoni li 'l *quotations* huma tas-*Sale* u validi sa l'aħħar ta' Jannar.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet, u 'l Viċi Sindku Keith Cassar qara l'ittra li ntabtet min Joseph Tanti. l'applikant li applika biex jagħmel gabbana fejn ir-Rotunda tal-Mosta.

Il-Kunsilliera qablu li tintbat aknowledgment lis-Sur Joseph Tanti, u kopja ta l'ittra tintbagħat lil Planning Authority.

**Sospensjoni tal-Minuti.**

Ġew sospizi il-minuti, biex jitkellem ir-resident Lino Calleja fejn qal li 'l *bollards* li saru fi Triq Indipendenza, jsir xi ħaġa għax il-karozzi xorta qed jduru magħhom, mhux qed jibqaw sejrin u jduru mal-Kapella. Aparti min hekk is-Sur Calleja spjega li kif saru dawn il-*bollards* la jista jidħol u l'anqas joħroġ mit-triq tiegħu Short Street. Is-Sindku spjega li Transport Malta ħa jieħdu passi biex is-sitwazzjoni timmeljora, biex forsi jiżdiedu 'l *bollards* u wkoll jitwaħħlu xi *cameras*, u ħa jitressaq dan l'ilment lil Transport Malta.

Is-Sindku 'rraporta fuq dawn il-punti li ġejjin:-

- Ħa ssir ħarġa fl'4 ta' Frar fejn xi Kunsilliera ħa jzuru 'l ħabsin. Din hija inizzjattiva ta' Mosta Solidali.
- Il-Kunsilliera Angele Rapa tkellmet fuq inizzjattivi ġodda relati ma Mosta Solidali, fejn ħa ssir ħarġa tal-kunsill fit-23 ta' Frar u fl'24 ta' Frar ħa jsir *party* għal anzjani tal-karnival. Saret laqgħa mal-voluntiera ta' Mosta Solidali fejn ħa jinħolqu *sub sections* bħala *support group* relatati ma ħargiet u diżabilita.

- Is-Sindku Ivan Bartolo rraporta fuq l'ikla tas-Sindku fejn ġabar 12 il-persuna bi problemi soċjali li huma waħedhom u mwarbin.

- Saret tislima lil Rennie Vella fejn ġie rringrazzjat ta' l'għajnuna tiegħu imma kellu jieqaf minħabba trattament mediku, u li issa floku qed tgħin Ann Mangion Lewis.

- Ġie rraportat mis-Sindku fuq id-dekasteru ta' Dr. Karl Tanti, li ma setax jattendi minħabba xogħol, fejn is-Sindku ġie mistieden għal laqgħa fuq proġett interessanti ħafna, u għalhekk ħa jiġi rraportat wara li jkollna aktar informazzjoni.

- Il-Kunsillier James Cassar tkellem fuq id-dekasteru tiegħu tal-kultura, fejn tkellem fuq il- 25 Anniversarju tal-Qalbiena Mostin . Id-data ta' din *l'event* hija 5 ta' Novembru 2017 fejn ħa jiġu mistednin il-President ta' Malta kif wkoll l'Arċipriet tal-Mosta.

- Il-Kunsillier Alex Muscat, tkellem fuq il-Monti biex jiġi *shifted* il-Monti fuq naħa waħda, fejn bħala distanza jidher tajjeb pero bħala volum irrdu nitkelmu mal-Perit tal-Kunsill biex naraw li'square meters. Is-Sindku rraporta li kellu laqgħa ma Ray Zammit fejn li hu ssuġerixxa li 'l-Monti għandu jkun fi' Triq Difiża Ċivili.

  Il-Kunsillier Alex Muscat, qal li 'l Monti jħalli ammont ta' negozju fil-qalba tal-Mosta huwa sostanzjali, għax ir-ristoranti 'u l-bars kull nhar ta' tnejn jkunu mimlijin. Pero wieħed importanti li jikkonsulta wkoll mar-residenti.

- Is-Sindku Ivan Bartolo, rraporta li l-Kunsill għandu stedina għal quddiesa ta' Patri Avertan Fenech, l'ewwel pass biex jsir beatu. Is-Sindku talab il-kunsilliera biex jattendu, għal din l'istedina tant importanti u sabiħa.

- Is-Sindku wera xewqa li nagħmlu stedina lill-Onorevoli Stefan Buontempo u lid Direttur tad Dipartiment tal-Gvern Lokali s-Sur Adrian Mifsud fil-komunita Mostija.

- Is-Sindku rraporta li tnaddaf il-ġnien tal-Blata l'Għolja, u qara l'ittra ta' Sur Anton Vella fejn intweriet ix-xewqa li jkun hemm ġnien imsemmi għal Kevin Vella, jekk dejjem il-Kunsilliera jaqblu. Peress li dan il-ġnien diġa msemmi għal Gorg Grognet De Vasse, ġie propost li Tal-Ġibjun jissemma għal Kevin Vella. Il-Kunsilliera qablu.

- Is-Sindku tkellem fuq il-*Cat Cafe*, fejn il-Planning Authority approvat li dan jsir fil-Blata l'Għolja. Dan il-*Cat Cafe,* ħa jkun qiegħed jiġi *managed* min għaxar voluntiera fejn ħa jkun hemm ikel u xorb għal qtates *stray*, fejn dawn il-voluntiera apparti affarijiet oħra ħa jieħdu ħsieb li 'l-qtates jiġu *neutered.* Il-Kunsilliera ma sabu ebda oġġezzjoni li jsir il-*Cat Cafe.*

- Is-Sindku ssuġerixxa li wara diversi lmenti li rċieva dwar il-parkour u talab lill-membri tal-Kunsill jagħtu l-opinjoni tagħhom. Kulħadd qabel li minħabba periklu l-parkour għandu jitneħħa.

- Is-Sindku tkellem fuq l'ittra li ntabet mil-Viċi Sindku fuq tat-Targa Battery biex jagħmel appuntament mal-Perit tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li 'l post tnaddaf mil lis-scouts, u xtaqu li jkomplu jagħmlu xi xogħol minħabba li m'hemx dranaġġ, pero hemm bżonn li jkunu jafu jekk hemmx xi fossa u x'jista jsir peress li hija binja militari u *heritage site*. Is Segretarju Eżekutiv ġibdet l'attenzjoni biex noqgħodu attenti xi jsir peress li 'l post jaqa taħt ir-responsabilta tal-Kunsill, aparti li ċertu spejjes ta' proġetti kbar ma jistawx jsiru. Issemma wkoll li hemm bżonn nieħdu ħsieb il-*meters* tad-dawl u tal-ilma, li dawn għandna ma nafux fuq min isem qegħdin għax il-kunsill qatt ma rċieva kontijiet, li qabel kien jirċevihom *squatter* li kien jgħix fiħ, u li għadu jirċievi 'l posta hemm. Is-Segretarju Eżekutiv informa lil Kunsilliera li 'l Kunsill kien f'Ottubru li għadda ntbatet ittra lis-Sur Edward Vella biex lis-scouts japplikaw għal *meters*. Għalhekk il-Kunsill qabel li jsir appuntament mal-Perit biex naraw jekk hemx fossa, u mportanti ħafna li nieħdu ħsieb li nirregolarizzaw il-*meters* tad-dawl u tal-ilma.

**F'dan il-ħin (22:05) il-kunsillier James Cassar talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.**

33.5 Rapporti

33.5.1 Kwotazzjoni fuq Cleaner

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li daqt noħorġu *public quote* għal *Cleaner,* għal uffiċini, s-sala u għal Youth Empowerment Centre. Il-Kunsilliera approvaw.

33.5.2 Kwotazzjonijiet fuq Air Conditions

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li daqt noħorġu *public quote* għal 2 *Air Conditions*, għal uffiċju, peress li dawn diġa ġibna *technician* u ma jistawx jissewew.

Il-Viċi Sindku staqsa fuq l'*Air Conditions* tas-sala peress li hemm xi tnejn ma jaħdmux. Is Segretarju Eżekutiv qalet li ħadt ma kien irraporta fuqhom, u għalhekk ħa niċċekjaw mal *handyman,* biex naraw liema huma biex ninkluduwhom fi *quote* waħda. Il Kunsilliera approvaw.

33.5.3 Ingaġġ ta Skrivani mal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li bħala kunsill, id--Dipartiment tal-Gvern Lokali kkonferma li suppost jkollna tmien impjegati, u peress li kelna lil Alberta part-timer u riżenjat, u issa Candice min *full-timer* qalbet għal *part-timer*, nistaw nimpjegaw 2 min nies oħra. Il-kunsill approva li għalissa nimpjegaw ~~persuna waħda~~ 2 persuni, u għalhekk ħa nerġaw nagħmlu l'*interviews* mil-lista ta' impjegati prospettivi tal-*Jobsplus* li jaqaw taħt l'iskema ta' CIES, peress li 'l persuna li kienet intagħżlet min din l'iskema, ma aċċetatx ir-rwol offrut mil-Kunsill, u biex tkun mpjegata persuna oħra full time, bħala dik tal-istaff

### 33.5.4 Performance Appraisal Bonus – Segretarju Eżekuttiv

F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra peress li kien ser jiġi diskuss l-performance appraisal tagħha.

Is-Sindku ippreżenta l-bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv minn Ottubru sa Diċembru 2016. Il-Kunsilliera Alex Muscat u Pia Bonnici approvaw l'10% bonus, Is-Sindku, Il-kunsilliera James Cassar u Gianluca Busuttil approvaw id 9% bonus, Il-Viċi Sindku Keith Cassar, Il-Kunsilliera Angele Rapa u Francis Deguara approvaw it-8% bonus.

Instab kompromess u l-membri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tingħata 9% .

F'dan l-istadju Segretarju Eżekuttiv reġgħet ħadet postha ġewwa l-kamra.

## 33.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 33.6.1 Skeda ta' pagamenti
Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 33.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 33.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 33.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 33.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
Il-laqgħa intemmet 10.30pm u ġiet aġġornata għat- 13 ta Frar 2017 fis-7.30pm.

Konfermati llum 23.01.2017.

Ivan Bartolo
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv